**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 05 ta' Ottubru, 2016**

**Rikors Guramentat Nru: 1151/2013 AF**

**Paul Buhagiar**

**vs**

**Thomas Mizzi u Antoinette Mizzi ghal kull interess li jista' jkollha**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrent Paul Buhagiar li ġie ppreżentat fit-2 ta' Diċembru 2013, li permezz tieghu wara li gie premess illi:

Huwa flimkien ma hutu kellu sehem bhala nuda proprjetà nofs indiviz ta' ghalqa msejha "Tal-Gharghar" kontrada omonima, fil-limiti ta' Haz-Zabbar u Marsaskala tal-kejl ta' cirka sitt itmiem (6T) pari ghal cirka sitt elef seba mija u erba u erbghin metri kwadri waqt li nofs indiviz tal-istess ghalqa kien jappartjeni in piena proprjetà u uzufrutt tul hajjitha kollha lil ommhom Teresa Buhagiar.

Permezz ta’ kuntratt ta’ donazzjoni u divizjoni ippubblikat min-Nutar Victor John Bisazza fit-28 ta’ Ottubru 1994 u li kopja tiegħu hija hawn annessa u markata Dok. "A" huwa ingħata bħala sehemu parti mill-għalqa u cioè plot li fil-pjanta annessa mal-imsemmi kuntratt kienet immarkata bin-numru 7 u li kopja tal-parti fil-kwistjoni hija hawn annessa u mmarkata Dok. "B".

Il-limiti ta’ kull sehem tal-proprjetà kienet immarkata permezz ta‛ posti halli kulhadd ikun jaf sa fejn tasal il-proprjetà tiegħu.

Wara xi żmien il-proprjetà immarkata bin-numru 8 li tmiss mal-proprjetà tiegħu kienet inbiegħet u preżentament hija proprjetà tal-intimat.

Minħabba li huwa jaħdem fix-xogħol ta’ tħammil għall-pedamenti r-rikorrent kien tqabbad mill-intimat biex inaddaf u jħaffirlu l-blat għall-pedamenti biex itella’ ħajt bejn il-proprjetajiet tagħhom.

L-intimat kien għamillu spaga biex jimmarkalu fejn kellu jħaffer u minħabba li din mhijiex tajba biex isiru l-marki huwa kien qallu biex jagħmillu marki oħra kif fil-fatt l-intimat kien għamillu biex jimmarkalu fejn ried iħaffer.

Huwa kien għamel ix-xogħol li kien tqabbad jagħmel mill-intimat skond il-marki li kien għamillu l-intimat.

Meta issa huwa kien se jgħaddi l-parti tiegħu tal-għalqa lil bintu u kien mar il-perit biex jiċċekkja l-plot skond l-istess kuntratt sab li l-intimat kien daħallu fil-proprjetà tiegħu billi mill-punt komuni bejniethom fuq wara li jifred il-proprjetà bejniethom sa quddiem fuq quddiem kien daħallu mill-inqas żewġ metri fil-proprjetà tiegħu fit-tul tal-plot minħabba li meta kien għamillu l-marki kien immarkalu ħażin fejn ried iħaffirlu u jidher li l-posta li kienet timmarka l-proprjetà fuq quddiem kienet iċċaqilqet.

Huwa kellem lill-intimat u qallu li kien daħallu fil-proprjetà tiegħu u qallu biex ineħħi l-ħajt li kien bena imma l-intimat ma riedx.

Sussegwentement fit-3 ta' Settembru tas-sena 2013 intbaghtet ittra legali lill-intimat u li kopja taghha hija hawn annessa u markata bhala Dok. "C" biex huwa jwaqqa' l-hajt li kien bena u jerga jibnih fuq il-proprjetà tieghu.

Minhabba li l-intimat injora l-ittra legali intbaghtitlu ukoll ittra ufficjali fit-2 ta' Ottubru tas-sena 2013 u li kopja taghha hawn annessa u marakta Dok. "D" fejn huwa rega gie mitlub iwaqqa' l-hajt u jibnih fuq il-proprjetà tieghu.

Minkejja l-ittra legali u l-ittra ufficjali l-intimat baqa' inadempjenti.

Dawn il-fatti huma a diretta konoxxenza tar-rikorrenti Paul Buhagiar.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara illi l-intimat kien dahallu fil-proprjetà tieghu billi meta tiehu linja mill-punt komuni fuq wara li jifred il-proprjetà taghhom sa quddiem tal-proprjetà, fuq quddiem kien dahallu mill-inqas zewg metri fit-tul tal-proprjetà tar-rikorrenti u bena il-hajt li jifred il-proprjetà tieghu minn dik tar-rikorrenti fuq il-proprjetà tar-rikorrenti.

2. Tordna lill-intimat biex fi zmien qasir u perentorju iwaqqa' l-hajt li jifred il-proprjetà tieghu minn dik tar-rikorrenti u jerga jibnih fuq il-proprjetà tieghu kif jirrizulta mill-kuntratt ta' donazzjoni u divizjoni u l-pjanta annessa mal-istess kuntratt ippubblikat min-Nutar Vcitor John Bisazza fit-28 ta' Ottubru tas-sena 1994 u dan fil-prezenza tar-rikorrenti.

3. Tahtar Perit u tawtorizza lir-rikorrenti biex jekk l-intimat jibqa' inadempjenti fiz-zmien stipulat mill-Onorabbli Qorti r-rikorrenti iqabbad huwa lil xi hadd biex jaghmel dan iz-xoghol u l-Perit mahtur mill-Onorabbli Qorti jissorvelja x-xoghol kollox bi spejjez tal-intimat.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Thomas Mizzi u ta' Antoinette Mizzi għal kull interess li jista' kollha fejn gie esponut illi:

Preliminarjament it-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda u dana peress illi l-azzjoni kif proprosta mill-attur ma setghetx tigi mressqa quddiem din l-Onorabbli Qorti u dana stante illi gia jezisti qsami u hajt divizorju sabiex jiddelimitaw il-proprjetà tal-attur minn dik tal-konvenuti, izda l-atturi qeghdin jikkontestaw li dawn ma humiex korretti u li l-konvenuti uzurpaw parti mill-proprjetà taghhom. F'dawn ic-cirkostanzi, il-mertu ta' azzjoni ta' delimitazzjoni tal-konfini huwa ezawrit u semmai l-azzjoni li kellha ssir mill-attur hija wahda rivendikatorja u mhux dik ta' delimitazzjoni tal-konfini.

Il-pretensjonijiet tal-atturi huma f'kull kaz infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-konvenuti u l-aventi kawza taghhom ilhom proprjetarji bil-pussess attwali, kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku, u mhux ekwivoku tal-art ghal aktar minn 10 snin u ghalhekk f'kull kaz l-esponenti huma proprjetarji bis-sahha tal-preskrizzjoni akkwizittiva kontemplata fl-artikolu 2140 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dina l-art inxtrat permezz ta' kuntratt ta' akkwist li sar fl-atti tan-Nutar Victor Bisazza nhar il-21 ta' Frar tas-sena 2005 kopja ta' liema qieghed jigi anness u mmarkat bhala 'Dokument TM1' u skond l-pjanta annessa mal-istess kuntratt u mmarkata bhala 'Dokument A' u l-aventi kawza tal-esponenti kien ilhom li akkwistaw l-istess art mertu ta' din il-kawza sa mis-sena 2000, liema akkwist kien sar permezz ta' kuntratt ta' akkwist li kien sar fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja tal-21 ta' Marzu tas-sena 2000 minghand is-socjetà Madame X Limited, liema socjetà kienet akkwistat l-imsemmija ghalqa mill-poter ta' Raymond Buhagiar in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja datat 5 ta' Settembru tas-sena 1996 u l-art li fil-prezent jokkupaw l-esponenti hija skond ma jipprovdu l-istess kuntratti ta' akkwist u l-pjanta li hemm annessa mal-istess kuntratt.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, meta l-istess esponenti kienu xtraw l-art mertu tal-kawza, kien proprju l-attur li kien ghamel is-sinjali u qsami bhala indikazzjoni cara ta sa fejn tasal l-art in kwistjoni, liema sinjali ghadhom hemmhekk sal-gurnata

tal-lum u jikkorispondu ghall-posizzjoni tal-hajt in kwistjoni u dan kif jidher mill-anness ritratt mmarkat bhala 'Dokument TM2'.

Inoltre kien proprju l-istess attur li kien hammel, haffer u naddaf ghall-pedamenti sabiex jittella' l-hajt divizorju bejn l-artijiet tal-partijiet u dana wara li hu u l-konvenuti kienu qablu fejn kellu jsir it-thammil u anki saru marki u sinjali, inkluz linja hamra ghat-tul tal-proprjetajiet tal-partijiet.

Sussegwentement l-esponenti kienu tellghu l-hajt divizorju li jifred il-proprjetajiet tal-partijiet liema hajt ittella' bl-idejn fuq tul ta' zmien mill-esponenti, bil-kunsens u l-barka tal-attur, li ra l-hajt tiela, u lanqas biss qatt hallas xejn tieghu.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur irid jipprova li huwa ghandu t-titolu minnu vantat u jew xi 'dritt' jivvanta din l-azzjoni u dana wara l-okkupazzjoni tal-art ghal dan it-tul ta' zmien kemm mill-konvenuti kif ukoll minn terzi li kienu proprjetarji tal-art in kwistjoni qabel il-bejgh favur il-konvenuti.

Ghalhekk fil-mertu sia l-qsami u l-posizzjoni tal-hajt in kwistjoni huma korretti u jirrapprezentaw il-posizzjoni korretta tal-linja tal-konfini bejn il-partijiet.

F'kull kaz, it-tieni talba ma tistax tintlaqa' ghaliex il-kuntratt imsemmi fiha huwa, ghall-esponenti, *res inter alios acta* u ghalhekk huma ma jistghux jigu kkundannati jaghmlu dak li jirrizulta minn dak il-kuntratt.

L-esponenti ma ghandhomx ibatu l-ispejjez ta' din il-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessibbli mill-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-attur li hu minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dokumenti prodotti.

Semgħet ix-xiehda prodotta.

Rat l-atti kollha tal-proċess.

Rat in-noti tas-sottomissjonijiet tal-kontendenti.

Ikkunsidrat illi:

Ir-rikorrent u l-intimati huma proprjetarji ta' żewġ biċċiet art kontigwi, kull waħda bil-kejl ta' 750.5 metri kwadri, oriġinarjament formanti parti minn għalqa akbar magħrufa bħala "Tal-Għargħar" fil-limiti ta' Ħaż-Żabbar u Marsaskala. Tali art hija indikata fuq il-pjanta Dok B[1]. Il-biċċa art indikata fuq tali pjanta bin-numru (7) hija tar-rikorrent, filwaqt li l-biċċa art indikata bin-numru (8), hija tal-intimati.

Jirrizulta illi fl-1 ta' Awwissu 1959, permezz ta' kuntratt ta' bejgħ[2] ippubblikat min-Nutar Carmelo Lia, Lorenzo Buhagiar, missier ir-rikorrent, xtara l-art kollha magħufa bħala "Tal-Għargħar" bil-kejl ta' circa sitt itmien.

Fit-28 ta' Ottubru 1994, permezz ta' kuntratt ta' diviżjoni u donazzjoni[3] ippubblikat min-Nutar Victor John Bisazza, ir-rikorrent Paul Buhagiar ingħata sehem ta' 750.5 metri kwadri mill-għalqa "Tal-Għargħar". Il-parti li ingħatat lilu hija indikata bin-numru (7) fuq il-pjanta Dok B.

Fit-28 ta' Ottubru 1994, permezz tal-istess kuntratt, Raymond Buhagiar, ħu r-rikorrent, gie assenjat is-sehem ta' 750.5 metri kwadri oħra mill-istess għalqa, liema art hija indikata bin-numru (8) fuq il-pjanta Dok B.

Fil-5 ta' Settembru 1996, permezz ta' kuntratt ta' bejgħ[4], fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja, Raymond Buhagiar, biegħ l-art indikata bin-numru (8) li kienet giet assenjata lilu sentejn qabel, lis-soċjetà Madame X Ltd.

Fil-21 ta' Marzu 2000, permezz ta' kuntratt ta' bejgħ[5] fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja, is-soċjetà Madame X Ltd biegħet l-art

---

[1] Pjanta Dok B, fol 15

[2] Kuntratt tal-01.08.1959, Dok PB2, fol 39-62, inkluż site plan tal-għalqa

[3] Dok A, fol 7

[4] Kuntratt tal-05.09.1996, Dok PB4, fol 64-68

[5] Kuntratt tal-21.03.2000, Dok PB5, fol 72-75

indikata bin-numru (8) lil Joseph u Leonilda konjuġi Grech.

Fil-21 ta' Frar 2005, permezz ta' kuntratt ta' bejgħ[6] fl-atti tan-Nutar Victor John Bisazza, il-konjuġi Joseph u Leonilda Grech biegħu l-art indikata bin-numru (8) lill-intimati Thomas u Antoinette konjuġi Mizzi.

Jirrizulta illi l-intimat kien inkariga lir-rikorrent (li jaħdem fix-xogħol ta' tħammil għall-pedamenti) biex inaddaf u jħaffirlu l-blat għall-pedamenti sabiex itella' ħajt bejn il-proprjetajiet rispettivi tagħhom - (7) u (8). Ir-rikorrent jallega li huwa għamel ix-xogħol skont il-marki li kien għamillu l-intimat u dan tal-aħħar tella' l-ħajt li jifred il-proprjetajiet.

Skont ir-rikorrent, meta huwa sussegwentement kien ġie biex jgħaddi l-art tiegħu lil bintu u kien mar fuq il-post mal-perit, irriżultalu li l-intimat kien tella' l-ħajt madwar żewġ metri 'l ġewwa fil-proprjetà tiegħu (cioè daħal żewġ metri fl-art bin-numru (7)). Huwa jsostni l-marki li kienu saru mill-intimati meta huwa kien ġie biex iħaffer, ma kinux korretti.

Ir-rikorrenti permezz ta' din l-azzjoni qed jitlob li jiġi dikjarat li meta l-intimat bena l-ħajt li jifred il-proprjetajiet, huwa daħallu mill-inqas żewġ metri fit-tul tal-proprjetà tiegħu u sussegwentement l-istess intimat jiġi ordnat iwaqqa' l-ħajt u jerġa' jibnih fuq il-proprjetà tiegħu.

Fl-ewwel eċċezzjoni tagħhom, l-intimati qalu li l-azzjoni odjerna, li skont huma hija waħda għad-delimitazzjoni tal-konfini (magħrufa bħala l-***actio finium regundorum***) ma setgħetx tiġi proposta stante li diġa jeżistu qsami u ħajt diviżorju biex jiddelimitaw il-proprjetajiet rispettivi tal-kontendenti. Huma sostnew li l-azzjoni li kellha ssir kellha tkun invece waħda rivendikatorja.

Sussegwentement ir-rikorrent ippreżenta nota[7] fejn ikkonferma "*li l-kawża proposta hija rei vindicatoria*".

---

[6] Kuntratt tal-21.02.2005, Dok PB6, fol 78-82 (inkluż site plan u pjanta)
[7] Nota tar-rikorrent, fol 32

Fil-kawża Sebastian Vella et vs Charles Curmi, deċiża fit-28 ta' Frar 2014, il-Qorti tal-Appell Superjuri spjegat illi meta f' azzjoni rivendikatorja, kemm l-attur u kif ukoll il-konvenut isostnu li huma l-proprjetarji tal-art in disputa, għandu jsir eżami komparattiv tat-titoli rispettivi tagħhom sabiex jiġi stabbilit min għandu l-aħjar titolu:

> "*Kif inhu risaput, għalkemm tradizzjonalment l-attur fl-actio rei vendicatoria għandu jipprova t-titolu tiegħu fuq l-art posseduta mill-konvenut mingħajr ombra ta' dubju (u cioè jipprova titolu oriġinali), fis-snin riċenti ġie aċċettat mill-qrati tagħna li huwa biżżejjed li jipprova li għandu titolu aħjar minn dik tal-konvenut sabiex jirbaħ il-kawża. (Ovvjament dan ikun il-każ meta l-konvenut jeċċepixxi li huwa l-proprjetarju u jipproduċi provi f'dan is-sens). F'tali każ isir eżami komparattiv tat-titoli rispettivi tal-partijiet sabiex jiġi stabbilit min għandu l-aħjar titolu fuq il-ħaġa in disputa. Il-prinċipju li min għandu titolu aħjar jirbaħ il-kawża, mingħajr ħtieġa li l-attur jipprova titolu assolut, huwa llum assodat fid-duttrina. Din l-estensjoni tal-portata tal-actio rei vendicatoria ġiet inferita mill-Qrati tagħna, tajjeb jew ħazin, mill-actio publiciana tad-Dritt Ruman.*"

Fil-każ in kwistjoni hekk ġara - kemm ir-rikorrent kif ukoll l-intimati qegħdin jivvantaw titolu fuq l-art in disputa:

(a). Ir-rikorrent qed isostni li l-intimati qed jokkupaw zewġ metri mill-art tiegħu fit-tul tal-proprjetà tiegħu. L-allegazzjoni tiegħu hi li l-ħajt diviżorju ma nbeniex bejn l-art tiegħu u l-art tal-intimati - immarkati fuq il-pjanta Dok B bħala (7) u (8) - iżda li inveċe inbena żewġ metri 'l ġewwa mil-linja diviżorja, b'mod li l-intimati qed jokkupaw żewġ metri t-tul kollu tal-art tiegħu, indikata bin-numru (7).

(b). L-intimati, fit-tielet paragrafu tar-risposta tagħhom eċċipew li l-art li jokkupaw huma (li skont ir-rikorrent tinkludi biċċa mill-art tiegħu nru (7)) hija skont ma jipprovdu l-kuntratti tal-akkwist u l-pjanta relattiva. Fit-tmin paragrafu tagħhom eċċipew li l-pożizzjoni tal-ħajt diviżorju fil-fatt tirrappreżenta l-linja tal-konfini bejn il-proprjetajiet tagħhom – (u cioè l-artijiet immarkati (7) u (8) fuq il-pjanta Dok B). Għalhekk skont

huma, l-art in disputa hija tagħhom u tinsab fl-art immarkata (8). Fit-tieni paragrafu tagħhom jeċċepixxu wkoll illi huma u l-aventi kawża tagħhom ilhom fil-pussess paċifiku, pubbliku, kontinwu, mhux miksur, u inekwivoku għal aktar minn għaxar snin u għalhekk huma proprjetarji anke bis-saħħa tal-preskrizzjoni akkwiżittiva kontemplata taħt l-artikolu 2140 tal-Kodiċi Ċivili.

Biex ir-rikorrent jipprova l-allegazzjoni tiegħu li l-intimati qed jokkupaw żewġ metri 'l ġewwa mill-art tiegħu, huwa kellu jipprova li l-ħajt li ttella' mill-intimati ttella' proprju żewġ metri 'l ġewwa mil-linja diviżjorja b'mod li invadielu żewġ metri mill-art tiegħu.

Joseph Grech[8], li fl-2005 kien biegħ l-art (8) lill-intimati xehed li l-linja bejn iż-żewġ proprjetajiet kienet immarkata naħa biż-żebgħa u naħa b'ġebla.  Qal li l-ġebla kienet fuq in-naħa tat-triq u s-sinjal biż-żebgħa kien in-naħa l-oħra fuq il-ħajt tas-sejjieħ.  Però qal ukoll li ġebla tista' tiċċaqlaq u qal li ma jafx tali ġebla fejn spiċċat.  Ikkummenta li din tista' tiċċaqlaq anke jekk bniedem imur iqalleb il-ġebel biex ifittex il-bebbux.

L-intimat Thomas Mizzi[9] xehed li meta ftehmu li kellu jsir ħajt bejn il-proprjetajiet:

> *"Morna nkejlu flimkien, konna kejjilna jiena u hu bir-rutelli u konna użajna l-pjanta ta' mal-kuntratt tiegħi. Konna ħadna kejl mill-pjanta tiegħu u peress li naħa minnhom kien hemm posta li hu kien jaf biha konna kejjilna minnha wkoll….Bdejna nkejlu minn dik il-posta li semmejt u n-naħa l-oħra għamilna musmar fil-ħajt kif inhu mmarkat fir-riratt a fol 29 tal-proċess."*

Qal li kienu għamlu spaga minn ponta s'oħra u r-rikorrent kellu bott spray u kien sprejja fejn kienet għaddejja l-lenza.

> *"Neħħa l-lenza u beda jħaffer skont il-marka li kien għamel bl-ispray. Kif jiena u nibni l-ħajt wasalt mill-pedament sal-*

[8] Xiehda ta' Joseph Grech tal-05.02.2015, fol 102-103
[9] Xiehda ta' Thomas Mizzi tal-21.10.2014, fol 99-100

> *wiċċ tal-ħamrija erġajna kejjilna. U erġajna sibna l-istess qies li konna ħadna qabel.*"

Qal li il-ħajt dam itellgħu tlett xhur u r-rikorrent qatt ma kellmu fuqu.

Ir-rikorrent Paul Buhagiar[10] fl-affidavit tiegħu qal li meta l-intimat kien talbu biex iħaffer u jnaddaf fejn kellu jittella' l-ħajt huwa qagħad fuq il-marki li għamillu. Spjega li l-intimat l-ewwel għamillu spaga imma billi din tista' ttir bir-riħ kien talbu jagħmillu marki oħra:

> "…*u kien għamilli marki billi ħaffer kanal bl-imgħażqa fil-ħamrija. Billi jiena kont qiegħed nafda lis-sur Thomas Mizzi, iena naddaft u ħaffirt mal-marki li kien għamilli huwa…"*

Fix-xiehda tiegħu[11] qal li l-kejl kien ħallih f'idejn l-intimat u ċaħad li kienu kejlu flimkien. Ċaħad ukoll li huwa kien uża xi spray.

Dawn il-verżjonijiet però bl-ebda mod ma jitfgħu dawl fuq jekk il-ħajt fil-fatt ittellax żewġ metri 'l ġewwa mil-linja diviżorja ta' bejn il-proprjetajiet. Tali prova baqgħet ma tressqitx mir-rikorrent.

Għalkemm fil-premessi jgħid li meta huwa kien ser jgħaddi l-art tiegħu lil bintu u "*kien mar mal-Perit biex jiċċekkja l-plot skont l-istess kuntratt sab li l-intimat kien daħallu fil-proprjetà tiegħu…*" huwa la qatt semma min hu l-perit, la ppreżenta xi rapport tal-perit f' dan is-sens, u wisq anqas tella' lill-istess perit biex jixhed. Fil-fatt lanqas biss ġie ddikjarat fil-lista tax-xiehda. In oltre qatt ma ħass il-bżonn li jitlob li jiġi nominat perit mill-qorti sabiex dan jistabbilixxi jekk il-ħajt li bena l-intimat hux fil-fatt fuq il-linja diviżorja li tifred l-art tar-rikorrent (7) mill-art tal-intimat (8), jew jekk invece hux mibni żewġ metri 'l ġewwa tul l-art tar-rikorrent kif qed jallega hu.

Kif tajjeb spjegat il-Qorti tal-Appell fis-sentenza "Vella vs

---

[10] Affidavit tar-rikorrent datat 03.04.2014, fol 37-38

[11] Xiehda tar-rikorrent tas-07.05.2014, fol 105-106

Curmi" fuq ċitata, huwa biss jekk l-attur ikun irnexxilu jipprova t-titolu tiegħu fuq l-art in disputa li imbagħad jinkombi fuq il-konvenut (li jkun eċċepixxa titolu fuq l-istess art) li jipprova titolu aħjar. F'każ li l-attur ma jkun ipprova l-ebda titolu fuq l-art in disputa, it-talbiet tiegħu għandhom jiġu miċħuda. Il-Qorti rriferiet għal diversi insenjamenti tal-qrati tagħna f' dan ir-rigward:

> *"L-attur f'kawża rivendikatorja jrid jipprova d-dritt tiegħu ta' proprjetà fuq il-ħaġa rivendikata u tali prova trid tkun kompleta u konklussiva, b' mod li kwalunkwe dubju, anke l-iċken, imur favur il-konvenut possessur."* [12]

> *"Min jitlob ir-rivendikazzjoni ta' immobbli għandu d-dover li qabel xejn jipprova l-proprjeta` tiegħu. Il-konvenut f' din l-azzjoni ma għandux għalfejn jiftaħ ħalqu sakemm issir il-prova u jekk dik il-prova ma ssirx huwa għandu jirbaħ il-kawża……Jekk lill-Qorti jidher li hemm l-inqas dubju dwar il-proprjeta` tar-rivendikant, hija għandha ssostni lill-possessur."* [13]

> *"Darba li l-attur jipprova t-titolu tieghu, spetta lill-konvenut jipprova xi titolu ahjar. Ladarba l-attur jissodisfa l-piż tal-prova billi juri t-titolu tiegħu, jinkombi lill-konvenut li jikkontrapponi, permezz ta' provi ċari, uniċi u indubbi, it-titolu proprju."* [14]

> *"Meta jissussisti xi dubju dwar it-titolu reklamat mill-attur, il-qorti ma jinħtiġilhiex tidħol fl-eżami tal-allegat titolu tal-konvenut għaliex f' dik l-eventwalità xejn ma jkun ifisser li l-konvenut ma jipprova bl-ebda mod la t-titolu, la bil-preskrizzjoni u lanqas mod ieħor li hu l-proprjetarju. Una volta dubju dwar it-titolu tal-attur ma jeżistix, jikombi fuq il-konvenut li jaddotta linja difensjonali adegwata u b'saħħitha biex jinnewtralizza t-titolu pruvat tal-atturi rivendikanti billi jopponi għalih b'titolu b'saħħtu u ċert."* [15]

---

[12] **Mario Galea Testaferrata et vs Giuseppi Said et** (Q. App. 1 ta' Lulju 2005)
[13] **Perit Carmelo Falzon vs Alfred Curmi** (Prim' Awla, 5 ta' Ottubru 1995)
[14] **Cassar noe vs Barbara et** (Q. App. –Sede Kumm.- 7 ta' Ottubru 1980)
[15] **Nancy Mangion et vs Albert Bezzina Wettinger** (Q. App. 5 ta' Ottubru 2001)

*"Jekk l-attur ma jippruvax it-titolu tiegħu m'hemmx lok li l-qorti tgħaddi biex teżamina l-provi tal-konvenut li hu jkun ressaq biex jipprova t-titolu tiegħu."* [16]

In-nuqqas tar-rikorrent li jipprova l-allegazzjoni tiegħu li l-ħajt diviżorju inbena żewġ metri 'l ġewwa mil-linja diviżorja u fuq il-proprjetà tiegħu, ifisser li l-istess rikorrent ma rnexxilux jipprova li biċċa mill-art okkupata mill-intimati hija fil-fatt tiegħu. Isegwi għalhekk, li t-talbiet tiegħu ma jimmeritawx li jiġu milqugħa.

Għal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talbiet tar-rikorrenti.

L-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom jiġu sopportati mill-istess rikorrent.

IMHALLEF

DEP/REG

[16] **Norbert Agius vs Anthony Vella et** (Q. App. 25 ta' April 2008)